

# Mill-Arkivju tal-Parroċċa Dwar il-Konfraternità ta' San Ġużepp

Horatio Caesar Roger Vella*

**Nota Editorjali:** *F'dan l-artiklu, il-Professur Vella ser jispjega l-proċess metikoluż li qiegħed iwettaq fl-Arkivji Parrokkjali, filwaqt li jelenka u jispjega d-dokumenti kollha relatati mal-Fratellanza ta' San Ġużepp. Nieħdu l-opportunità biex nirringrazzjawh u nawgurawlu għall-ħidma tiegħu.*

Kif forsi xi wħud jafu, ilni issa iktar minn sentejn naħdem fl-Arkivju tal-Parroċċa tagħna, nara karta karta, innaddafha, noqtlilha l-insetti li għal bosta snin kienu qegħdin jieklu minnha u jeqridha, ngħaddi t-tagħrif fuqha lill-kompjuter, u nagħtiha numru proviżjonali. 'Il quddiem inkun nista' nerġa' noħroġ kollox barra u ndaħħalhom skont l-ordni tal-katalgu li għad irid jiġi ppubblikat kif jidher fil-kompjuter b'numri ġodda. Dan ix-xogħol jiena bdejtu fi żmien Mons. Valent Borg, komplejtu taħt Mons. Frans Abdilla bħala Amministratur Parrokkjali, u issa qiegħed nagħmlu taħt il-Kappillan preżenti, Dun Martin Cardona. Huwa xogħol li jitlob ħafna ħin, paċenzja, saħħa u perseveranza, u dan ix-xogħol għamilt u qed nagħmel bħalu f'ħafna postijiet f'Malta u f'Għawdex, kif ukoll fl-Art Imqaddsa. Huwa xogħol li jiena nagħmlu minn qalbi għall-Glorja ta' Alla, xogħol li qatt ma sar u diffiċli ssib min jagħmlu jekk mhux għall-ħlas fenomenali.

Ġejt mitlub li għal dan l-anniversarju, li l-Konfraternità ta' San Ġużepp, imwaqqfa mill-Kappillan Dun Ġużepp Barbara, qegħda tiċċelebra, nikteb xi ħaġa fuqha. Peress li ġa nkiteb fuq din il-Konfraternità, ħassejt li kelli nagħti xi ħaġa minn dak li ħadd ma kellu s'issa aċċess għalih: informazzjoni midfuna qalb il-karti li jagħmlu l-Arkivju tal-parroċċa tagħna. Minn dak li s'issa għadda minn quddiem għajnejja, u kienu s'issa 'l fuq minn 3500 karta jew ktieb, nista' ngħid li ltqajt biss ma' dawn id-dokumenti li jikkonċernaw il-Konfraternità ta' San Ġużepp, u ser nitrattahom skont l-ordni kronoloġiku.

L-ewwel dokument, li jġib in-numru proviżjonali ta' A435, huwa ktieb bit-Taljan li jitratta fuq id-dħul u l-ħruġ ta' finanzi tal-Konfraternità ta' San Ġużepp taħt l-amministrazzjoni tal-Prokuratur tagħha, il-Kappillan Dun Ġużepp Barbara. Is-snin li jkopru dan il-ktieb huma mill-1878, meta twaqqfet il-Konfraternità skont ix-xewqa tal-istess Kappillan Dun Ġużepp Barbara u b'digriet maħruġ mill-Arċisqof ta' Malta, Mons. Carmelo Scicluna, fl-10 ta' Ġunju, 1878, sal-1890.

It-tieni dokument, bin-numru proviżjonali ta' B668, iġib l-ismijiet tal-membri tal-Konfraternità ta' San Ġużepp mill-istess sena tal-1878 sal-1930. Huwa wkoll miktub bit-Taljan u hu forma ta' ktieb.

Id-dokument li jmiss, li jġib in-numru proviżjonali ta' B7, ġie stampat madwar is-sena 1950. Dan qed ngħidu għaliex ma fihx data, iżda mill-kwalità tal-karta u mill-karti ta' madwaru stajt nissoponi x'kienet approssimament id-data tiegħu. Huwa formula stampata li ġġib it-titlu tal-*"Konfraternità tal-Glorjuż Patriarka San Ġużepp imwaqqfa fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Kirkop"*, li fiha huwa indikat l-isem tal-Konfratelli, min jiġi minnu, u kemm ħallas. Hemm diversi kopji ta' dan id-dokument, u huma kollha vojta.

Wara dan id-dokument, jidhru erba' ittri b'konnessjoni mal-Konfraternità ta' San Ġużepp.

L-eqdem waħda nkitbet minn Ġużeppi Bonnici, Assistent Prokuratur tal-Konfraternità ta' San Ġużepp, fil-25 ta' Lulju, 1958, u għandha n-numru proviżjonali ta' B657. Din l-ittra kitibha b'idejh f'żewġ folji lill-Kappillan ta' dak iż-żmien, li nafu li kien Dun Pawl Pace u li mexxa l-parroċċa bejn l-1957 u l-1960, fejn qallu li l-Gvern ta lir-raħal nofs l-ammont tal-istima tal-ħsarat li r-raħal ġarrab fil-gwerra, stima li Dun Mikiel Spiteri, Kappillan tar-raħal mill-1943 sal-1952, kien għamel meta kien hawn kappillan.

It-tieni l-eqdem ittra wkoll tikkonċerna lil Ġużeppi Bonnici u ġġib in-numru proviżjonali ta' B654 u d-data tat-13 ta' Novembru, 1959. Hija ittra ta' paġna ttajpjata u indirizzata lill-Arċisqof ta' Malta, Mons. Mikiel Gonzi, mill-istess Kappillan, Dun Pawl Pace, u fiha Dun Pawl kien qed jissuġġerixxi li bħala Prokuratur tal-Konfraternità ta' San Ġużepp, Dun Nard Farrugia jew hu nnifsu kienu iktar adattati minn Ġużeppi Bonnici li, kif ġa rajna, kien Assistent Prokuratur tal-istess Konfraternità.

Fit-tielet ittra, ukoll ittajpjata, imma ta' żewġ paġni, mibgħuta wkoll mill-Kappillan Pace lill-Arċisqof Gonzi fit-23 ta' Ġunju, 1960, u li ġġib n-numru proviżjonali ta' B653, il-Kappillan kien qed juri l-fehmiet tiegħu dwar is-suġġeriment tal-Konfraternità ta' San Ġużepp li jagħmlu bankun ġdid. Dan il-Kappillan ma kienx qed jaqbel mal-idea.

Fl-aħħar ittra, li lilha tajt in-numru proviżjonali ta' G1631, ittajpjata f'paġna waħda u mibgħuta fid-9 ta' Mejju, 1982, mill-Vigarju Ġenerali, il-Kan. (dak iż-żmien) Dun Carmelo Xuereb, kemm lis-Segretarju tal-Każin ta' San Ġużepp u kemm lir-Rettur tal-Konfraternità ta' San Ġużepp, il-Vigarju kien qed jitratta fuq żewġ affarijiet: waħda kienet tikkonċerna d-data tal-festa, u l-oħra l-forċini ġodda.


*Il-Fundatur u benefattur kbir tal-Fratellanza San Ġużepp f'Ħal Kirkop – Dun Ġużepp Barbara D.D.*

Nirritornaw għall-kotba kollha miktubin bit-Taljan. Il-ktieb li jmiss għandu n-numru proviżjonali, dak ta' B324, u jitratta fuq il-pagament li nġabru mill-Konsorelli tal-Konfraternità ta' San Ġużepp taħt il-Prokuratur Salvu Spiteri. Il-ktieb jibda minn żmien Dun Ġużepp Barbara fl-1878, u jispiċċa fl-1963.

Ktieb bit-Taljan bħalu bin-numru proviżjonali ta' B326 jiġbor fih l-ismijiet din id-darba tal-Konfratelli bejn l-1878 sal-1967, dejjem taħt l-istess prokuratur Salvu Spiteri.

Fl-aħħar ta' din il-lista ta' kotba tal-Konfraternità ta' San Ġużepp insibu tnejn bin-numri proviżjonali ta' B354 u B353: wieħed huwa l-ktieb tal-ħruġ u l-ieħor tad-dħul finanzjarju. Iż-żewġ kotba, miktubin bit-Taljan, ikopru s-snin ta' bejn l-1934 u l-1971.

Fl-aħħar nett, fl-Arkivju nsibu dokument li tlesta madwar is-sena 2007 u li jiena tajtu n-numru proviżjonali ta' G1547. Dan id-dokument, miktub u ttajpjat bl-Ingliż, flimkien ma' ritratti meħudin, jinsab miġbur f'*envelope*. L-awtur ta' dan id-dokument mhux indikat, imma jiena naf li dak iż-żmien kien inkarigat mill-Kurja Dun Edgar Vella biex jagħmel katalgu ta' affarijiet artistiċi li l-parroċċi ta' Malta jipposjedu. Kawża ta' dan ix-xogħol, Dun Edgar, waqt li kien fuq sellum imsewwes fil-Knisja tal-Portu Salvu fil-Belt Valletta jara xi pittura fil-għoli, waqa' għal isfel minn ħafna għoli u xorta, għall-grazzja ta' Alla, baqa' ħaj. Hawnhekk f'Ħal Kirkop kien ġie biex jara dawk l-affarijiet artistiċi tal-Konfraternità ta' San Ġużepp.

Jissemmew tliet bsaten tal-fidda magħmula minn Pawlu Busuttil fl-1857, u li r-Rettur juża; żewġ lanterni tal-fidda magħmula barra minn Malta fis-seklu dsatax u rregalati minn Dun Ġużepp Barbara bejn l-1892 u l-1904; bastun ieħor tal-fidda magħmul minn Ġwanni Cannataci fl-1908; medaljun tal-fidda li jilbes ir-Rettur; żewġ gandlieri tal-fidda, magħmula fil-Ġermanja fis-seklu dsatax u regalati minn Dun Ġużepp Barbara fl-1903; erba' gandlieri miksija bil-fidda; żewġ gandelabri miksija bil-fidda; erba' forċini tal-bronż magħmula mill-Kavallier Ċensu Apap fl-1975; sitt gandlieri miksija bil-fidda, magħmula l-Italja; erba' važuni miksija bil-fidda, magħmula l-Italja; erba' važuni tal-fidda magħmula barra minn Malta fil-bidu tas-seklu għoxrin; l-istatwa ta' San Ġużepp magħmula f'Marsilja minn *Galard et Fils*, u indurata minn Horace Farrugia fl-1984, u deskritta bħala f'kundizzjoni eċċellenti; bankun iddeżinjat minn Emmanuel Buhagiar u magħmul minn Ġużeppi Galea u skulturat minn Salvu Bugeja, u deskritt bħala f'kundizzjoni eċċellenti; tużell magħmul f'Malta fil-bidu tas-seklu għoxrin u meħjut bil-ħajt tad-deheb, deskritt bħala f'kundizzjoni tajba (li aħna nafu li ddisinjah Dun Ġużepp Barbara); standard magħmul f'Malta b'damask blu u b'ħajt tad-deheb, f'kundizzjoni tajba; kukkarda tal-istandart magħmula f'Malta fis-seklu dsatax u bil-ħajt tad-deheb, f'kundizzjoni tajba; żewġ trieħi magħmula f'Malta fil-bidu tas-seklu għoxrin u bil-ħajt tad-deheb, f'kundizzjoni eċċellenti; sitt gandlieri indurati; ventaltar tal-metall indurat bid-deheb magħmul f'Malta fis-seklu dsatax, f'kundizzjoni tajba; sitt statwetti tal-metall indurati bid-deheb magħmula f'Malta fil-bidu tas-

seklu għoxrin; erbatax-il bukkett tal-fjuri magħmula mill-metall f'Malta fis-seklu għoxrin għall-*Via Crucis*, f'kundizzjoni tajba; erbatax-il girlanda magħmula f'Malta mill-metall f'kundizzjoni tajba; għoxrin bukkett tal-ganutell magħmul f'Malta mill-metall fis-seklu dsatax, f'kundizzjoni ħażina; erba' bukketti oħra tal-ganutell magħmula f'Malta mill-metall fil-bidu tas-seklu għoxrin, f'kundizzjoni tajba; erba' vażuni tal-alabastru magħmula f'Malta fil-bidu tas-seklu għoxrin, f'kundizzjoni tajba, u erba' vażuni oħra tal-alabastru magħmula f'Malta fil-ħamsinijiet tas-seklu l-ieħor bil-ganutell, f'kundizzjoni eċċellenti.

Jiena nittama li din l-informazzjoni tarrikkixxi t-tagħrif li ġa għandna u li ġa ġie ppubblikat fil-passat mis-Sur Cassar. Wieħed jittama wkoll li dan it-tagħrif jintuża tajjeb biex nifhmu aħjar l-istorja tal-passat ta' dan ir-raħal tagħna.

**Horatio Caesar Roger Vella huwa Professur tal-Latin u tal-Grieg fl-Università ta' Malta.*